# META C-CRIEV MA TARUX

Il-muntanji u l-gholjiet kienu jdellu fuq l-villagg zghir ta' St Laurent. Ghajr ghal xi ftit villel kbar li kienu mibnija fuq it-tarf tar-rahal, id-djar kienu kollha zghar b'zewg sulari, imbajda kulur abjad bis-soqfa imzerzqa miksija bil-madum tal-fuhhar. Kull dar kellha gnien zghir fuq quddiem u iehor imdaqqas fuq wara. Ebda triq ma kienet dritta, izda kollha kienu jserrpu ‘l hawn u ‘l hinn u jigbdu lejn ic-centru tar- rahal fejn kien hemm knisja zghira b'kampnar gholi b'qampiena wahda.

Min bhal dawn iz-zminijiet ta' Dicembru kien ihares lejn ir-rahal ma kienx isib differenza minn xena xitwija fuq kartolina tal-Milied, ghax is-silg u l-borra li nizlu fi kwantita' aktar milli mistenni biddlu dik il-kampanja f'kutra ta' bjuda. Sigar u soqfa, ma kienux jintgharfu minn xulxin. In-nies kienu johorgu minn djarhom ghal-bzonn biss. Ta' kull filghodu kienu jikinsu s-silg minn quddiem biebhom u mezzi mekkanici kienu jwarrbu fil-gemb tat-toroq is-silg li kien jingabar matul il-lejl biex il-karozzi ikun jistghu jghaddu.

Il-familja Baker kienet ilha toqghod f'dan il-villagg sa mill-bidu taz-zwieg taghhom. Kienu kuntenti u ma kien jonqoshom xejn sa ma jum wiehed wasal messagg ghal Timmy li kellu jmur l-Iraq ma' shabu meta faqqet il-krizi bejn l-Amerka u Iraq. Martu Ruth qatt ma sabet paci minn mindu telaqha u l-unika konfort kienet it-telefonata li kien jaghmel meta kien ikun liberu. Meta kienet tisma' lehnu ghalija jfisser li kienu ghadu haj. Jum wiehed waqaf li jcemplilha u wara li ndagat ma' l-ufficjali ta' l-armata, qalulha li hareg u ma dahalx.

Aktarx li kien safa' vittma ta' attakk terroristiku qalulha aktar tard, izda l- katavru tieghu ma instabx. Ghaddha z-zmien u Ruth ma satbret qatt. Hutha tawha parir biex tmur tahdem halli b'hekk ittajjar xi ftit hsibijietha minn fuq din id-dizgrazzja. Wara hafna pressjoni, cediet u sabet post ta' waitress f'restaurant fil-belt tal-qrib. Ghaddew il-gimghat u ghalkemm il-ferita kienet hemm f'qalbha, stejqret xi ftit mill-problema taghha.

Ruth kellha mitt sena biex tasal id-dar fl-iqsar zmien possibli biex tinghaqad maz-zewgt uliedha bniet Olga u Francesca. Kienet ghajjiena mejta ghax dak in-nhar  kellha sservi aktar missoltu nies li gew biex jieklu fir-restorant San Miguel. Imma f'dawk il-kundizzjonijiet tat-toroq riedet issuq bil-mod. Hsibijietha haduha ‘l boghod meta ftakret fuq d-destin kiefer u incert ta' zewgha fl-Iraq. Il-kelma tieghu dejjem kienet ta' wens ghaliha minkejja li hija kienet tkun mitluqa, bla sahha wara jum xoghol iebes jew mohh mimli daqs qartalla bil-kontijiet li riedet thallas u li ma kienu jieqfu qatt gejjin.

Xi sinjali fit-trieq gibdulha l-attenzjoni taghha li jista jkun il-kaz li xi annimali jaqsmu ghal-gharrieda t- trieq. Ghalhekk hija saqet aktar bil-mod biex thares hajjet l-annimali meta bla ma kienet tistenna hareg ragel zaqqu hoxna u liebes l-ahmar minn wara sigra jxejjer idejh biex Ruth tieqaf u taghtih l- ghajnuna. Id-dehra ta' dak ir-ragel liebes ta' Christmas Father haditha ghal-gharrieda u ghalkemm zammet il-brejkijiet f'daqqa kienet ghoddha laqtitu. Taptpilha fuq il-hgiega tat-tieqa bhallikieku kien xi pulizija tat-traffiku se jaghtiha citazzjoni minhabba sewqan esegerat. Nizzlet il-hgiega u qaltlu, " Minn nies kollha li kont nistenna nara f'dan il-hin qatt ma kont nobsor li ser nhabbat wiccu ma wiehed  liebes ta' Christmas Father."

Ir-ragel wegibha lura b'ton oxhon: " Ma gara xejn, sinjura. Ghandi bzonn l-ghajnuna tieghek. Irridek tohodni ghand veterenarju, issa, bla dewmien."

Ruth fethitlu l-bieba tal-karozza u stednitu biex jidhol. "Ara fittex idhol gewwa mill-ksieh u l-bard u ghidli ezattament x'gara."

Ir-ragel liebes il-libsa ta' Christmas Father, qasam minn quddiem il-karozza u zelaq fuq is-silg ghal dahru . Ruth sfurzat bil-kif biex minn fommha ma tohrogx dahqa qawwija. Hu qam qisu ma gara xejn u ntasab fil-post ta' quddiem hdejn Ruth waqt li farfar is-silg li wehel ma' hwejgu.

"Kollox sew," wegibha r-ragel meta hi qaltlu li seta' wegga' bil-waqa'. "Hudni malajr ghand veterenarju. It- tfal tieghi huma morda."

"It-tfal tieghek? Mela t-tfal tieghek ghandhom bzonn veterenarju?" staqsietu kollha staghgib Ruth.

"U le, mhux propja t-tfal tieghi, ic-criev tieghi, ghax jiena nsejhlhom tfal tieghi."

Ruth tbissment. " Nahseb ser tghidli li inti Father Christmas u ma tistax tqassam ir-rigali l-lejla ghaliex ic-criev tieghek huma morda," Ruth qaltlu b'dahqa fuq fommha.

"Precizament, dak li kont ser nghidlek. Meta hallejt il-North Pole kienu f'sahhithom. Hallejthom jieklu xi haxix hemm isfel, ara," qalilha, filwaqt li b'subghajh urieha il-wied ta' faccata, " u nahseb li kielu xi haxix perikoluz."

Ruth ma kellhiex ghazla ohra hlief li tiehdu ghand veterenarju, ghafset l-acceleratur tal-karozza bit- tama li tasal fil-villagg tal-qrib malajr kemm jista' jkun. F'qalbha ittamat li r-ragel ma kienx xi wiehed fis-sakra, izda le ma kienx, ghax ghalkemm ippruvat ixxomm xi tracci ta' alcohol, hu kien nadif minn kull xorb . Ittamat ukoll li ma kienx xi ragel perikoluz. Fit-triq ma qalitx kelma wahda attenta li tasal ghand il-veterenarju qawwija u shiha.

"Sinjura, it-triq li gbidt fiha ma jidhirlix li hemm vetenerarju. Ghandi bzonn is-servizz tieghu urgenti." Ruth qaltlu: "Veru ma hemmx tabib hemm izda l-eqreb wiehed hu 30 mil ‘l boghod u ma nistax niehdok hemm. Ara x'ser naghmel. Ser inwaqqfek l-ghassa ta' pulizija u s-surgent jghinek hu minn hemm."

"Ic-criev tieghi huma morda, jistghu jmutu minn mument ghal iehor jekk ma nghagglux. Jekk jghogbok ghinni u ntik kull ma trid. Hudni biss ghand il-veterenarju."

Ruth qalghet ghajnejha ghal mument wiehed biss minn fuq it-triq u tat harsa lejn ir-ragel.

"Qed tibza' minni hux hekk? U ma temminx li jiena Santa Klaws? Kollox sew zaghzugha. Jiena nifhmek u ma nlumekx li tiddubita minni. Zaghzugha bhalek wahdek f'dawn il-hinijiet ghandha raguni valida li tibza' mill-barranin. Id-dinja imbidlet u ghal-aghar. Iva waqqafni l-ghassa u jiena cert li l-surgent jaghtini l-ghajnuna mehtiega."

F'daqqa wahda Ruth ghafset il-brejk, dawwret il-karozza u erhitilha lejn il-villagg fejn kien joqghod il- vetenerarju.

"Ma tarax li mhux ser inwaqqfek l-ghassa. Kieku jisma' bik u jarak l-kap zgur li jixhtek gewwa u jarmi c-cavvetta. Inti min inti ma nistax nhalli animal imut fil-ksieh," sklamat Ruth. Wicc ir- ragel ha xejra ohra.

Waslu ghand il-vetenerarju xi saghtejn wara u waqt il-vjagg ir-ragel kellimha fuq elf haga dwar l- storja ta' hajtu li minn xi daqqiet geghlu lil Ruth titbissem u anke tidhaq.

"Wara kollox ma hu mignun xejn, Qed nahseb hazin ghalxejn fih," qalet bejnha u bejn ruhha Ruth.

Ruth kienet tafu lit-tabib u hekk kif habtet il-bieb, inxteghel id-dawl tal-kuritur u t-tabib fetah il-bieb. Wara li qaltlu l-istorja kollha, it-tabib staqsieha jekk kienitx temmen li dak kien Santa Klaws. U minghajr ma qaghad jistenna risposta dahal gewwa, tefa' fuqu kowt, qabad il-bagalja medika u telqilha flimkien ma' Ruth u r-ragel liebes ta' Father Christmas. Xoghlu kien li jfejjaq l-animmali, ikun x'hin ikun u bhalma ma kien jaghmel ma' bosta bdiewa ta' l-inhawi, hekk ried jaghmel issa mal-povri criev. "Nixtieqlek li c-criev ifiequlek fl-iqsar zmien possibli," xtaqitlu Ruth u daret biex tirkeb il-karozza taghha biex tmur lura d-dar. "U bil-haqq, il-Milied it-Tajjeb."

Imma x-xih zammha minn idejha u qalilha: "Jiena ghidtlek li naghtik kull ma titlobni jekk tghinni. Ghidli, xi trid?"

"Xejn, " wegbitu lura Ruth. "kull ma nixtieq hu li nara li zewgi

lura ghal zmien il-Milied izda nemmen li anqas Santa Klaws ma jirnexxilu jaghmel dan. Mqar kieku jaghtini telefonata. Imma anqas jista'. Wara kollox ma rrid xejn. Il-Milied it-tajjeb Santa Klaws" Ix-xih rikeb mal-vetenerarju u Ruth saqet lura darha.

L-arlogg tal-kuritur daqq is-sitta ta' filghodu. Stembhet f'daqqa wahda u rat li dak li kienet ghaddiet minnu ftit tas-sighat qabel ma kien xejn hlief holma. Kienet raqdet quddiem it-televixin li baqa' mixghul l-lejl kollu. Ghalkemm kien ghadu dlam cappa, ftakret li dak in-nhar kien jum il-Milied. Il-bniet kienu ghadhom reqdin u fil-kwiet hija harget ir-rigali li kienet hbiet u qeghdithom taht is-sigra. Marret u hejjiet il-mejda ghall-kolazzjon tal-Milied ; kollox bhas-soltu daqs li kieku zewgha kien ghadu maghhom, xejn aktar u xejn inqas.

L-ghada filghodu t-tfal sabu r-rigali lesti ghalihom u tghidx kemm ferhu x'hin kull wahda minnhom sabet "bath gown" ta' kulur differenti . "O li kieku missierna qieghed hawn maghna nifirhu flimkien f'dan il-jum..." qalet il-kbira. "Kieku qed jiftah ir-rigal li lestejnilhu," tenniet iz-zghira.

U ghalkemm l-omm dehret tiehu gost bir-rigal li xtrawlha uliedha, il-veru ferh taghha kien ikun komplet kieku mqar tisma' lehen zewgha. Hija zammet kollox mistur f'qalbha u ma uriet xejn lil uliedha bid-dulur li kienet qed thoss. Habbat il-bieb u ma' wiccha sabet lil huha flimkien ma' martu u zewg uliedu li gew jaqsmu xi hin maghha u jaghtuha l-festi t-tajba.

Wara li telqu ma ghaddiex hin wisq li ma waqfitx karozza tal-militar amerikan quddiem il-bieb taghha.

Minnha nizel fizzjal, resaq lejn il-bieb u habbat. Stednitu gewwa u hu dahal. "Sinjura Baker," qalilha, "ghandi ahbar ghalik."

"Qatt ma nista' nisma' ahbarijiet sbieh aktar minn dak in-nhar li waslitli l-ahbar li zewgi hu mitluf fl-Iraq," qatitlu hesrem Ruth.

"Zball ta' identita' minn naha taghna gablek dulur kbir. Ta' dan il-kap kmandant jesprimi s-sobgha tieghu."

"Ma nistax nifhem," wegbitu Ruth.

"Ara nispjegalek kollox haga wara l-ohra. Nitolbok ilbes malajr u ejja maghna ghax zewgek ghadu haj. Kien zball ta' identita' li wasalnilek l-bxara li zewgek miet. Ejja mieghi, ghandi l-karozza barra qed tistenniek biex imorru nilqghuh."

Ruth dahlet gewwa tefghet fuqha libsa pulita u kowt u akkumpanjat lil fizzjal. Malli hargu mill-bieb qalilha: " Hemm sinjura Baker, qieghed zewgek, bil-qieghda fuq is-seat ta' wara jistenniek."

It-tnejn li huma taru lejn xulxin u thaddnu flimkien u ntilfu jbusu lil xulxin. Timmy refa' lil martu fuq dirajgh u dahhalha gewwa qisha kienet dik id-darba li refaghha wara il-festa tat-tieg biex dahlu fid-dar taghhom il-gdida. Meta kienet fil-kwiet wahedha hasbet: "Tghid dan hu r-rigal li qalli li ser jaghtini Father Christmas?" !!!!!!!!!!!!!!!